# Patri Klement Azzopardi ta' San Elizew

P. Martin Borg ocd



Matul il-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Jannar 2014, Patri Klement Azzopardi ta' San Eliżew għadda għall-ħajja ta' dejjem. Kellu 82 sena.

Patri Klement twieled il-Ħamrun fit-3 ta' Awwissu 1931, minn Ġużeppi u Ġużeppina mwielda Calleja; u ġie mgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' San Gejtanu fejn ingħata l-isem ta' Anthony. Fi tfulitu kien abbati f'din l-istess Knisja Parrokkjali fejn għal diversi drabi kien jgħin il-quddiesa ta' San Ġorġ Preca, li kien wieħed mis-saċerdoti ta' din il-parroċċa.

Wara li temm l-istudji elementari u sekondarji tiegħu, ta' tmintax-il sena, fl-4 ta' Jannar 1949 daħal fl-Ordni Karmelitan Tereżjan biex fis-16 ta' Jannar 1949 beda s-sena tan-novizzjat tiegħu fil-kunvent tagħna ta' Santa Tereża ta' Ġesù ġewwa Bormla. Ingħata l-isem reliġjuż ta' Fra Klement ta' San Eliżew. Għamel il-professjoni temporanja tiegħu fit-22 ta' Jannar 1950 f'idejn id-Definitur Ġenerali Patri Mikiel tar-Reġina tal-Karmelu. Minn Bormla mar fil-kunvent tagħna ta' Birkirkara għal sentejn ta' studju u mbagħad kien mibgħut Ġenova l-Italja għall-istudju tal-filosofija. Wara tlett snin reġa' lura Malta u ssokkta l-istudju tiegħu tat-teoloġija fil-kunvent ta' B'Kara. Għamel il-professjoni solenni fil-31 ta' Jannar 1953. Wara li temm l-istudji tiegħu Patri Klement nhar l-20 ta' Settembru 1958 kien ordnat Saċerdot mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi.

Wara l-Ordinazzjoni, Patri Klement intbagħad fil-kunvent ta' Santa Tereża Bormla u dam hemm sitt snin. Hemmhekk huwa kien jieħu ħsieb dawk iż-żagħżagħ li xtaqu jħaddnu l-ħajja reliġjuża. Bejn l-1964 - 1965 kien ukoll direttur tal-aspiranti għall-Karmelu Tereżjan. Kien jieħu ħsieb ukoll il-kor tat-tfal ta' Santa Tereża u spiss kienu jiġu msejħa biex ikantaw fil-knejjes b'mod speċjali l-quddiesa l-kbira u l-*Laudate Pueri* tas-surmast Karlu Diacono. Fl-1962 kien mexxa l-kor tiegħu ta' madwar 80 tifel u tifla waqt l-innu l-kbir lill-Santa Tereża mal-Banda San Ġorġ ta' Bormla fl-okkażjoni tar-400 sena tar-Riforma Tereżjana.

Wara reġa' ġie mibgħut fil-kunvent ta' Birkirkara. Wieħed mill-impenji pastorali li Patri Klement wettaq b'ħafna dedikazzjoni kien il-ħidma tiegħu fost iż-żagħżagħ u kien imfittex ħafna għal qrar u d-direzzjoni spiritwali. Huwa ħadem f'ħafna oqsma tas-Soċjetà tal-Mużew u anke fl-iskola Saint Michael, immexxija mill-istess Soċjetà. Kien ukoll predikatur magħruf, u mfittex ħafna għal konferenzi waqt l-irtiri li jsiru mir-reliġjużi. Ta' karattru ċajtier, kien ikun dejjem bi tbissima fuq fommu, u dejjem għandu kelma ta' kuraġġ għal kull min kien jirrikorri lejh.

Dan l-aħħar, il-Mulej għoġbu jżur lill-Patri Klement bil-mard, imma huwa baqa' attiv sakemm seta'. Meta mbagħad saħħtu marret lura ħafna huwa ngħabar fid-Dar tal-Kleru f'Birkirkara. Fl-aħħar ġranet Patri Klement kien rikoverat fl-isptar Mater Dei, fejn huwa miet.

It-tifkira ta' Patri Klement tibqa' waħda għażiża għalina lkoll. Huwa kien Tereżjan ta' eżempju tajjeb. Lil dan ħuna nistgħu nxebbħuh mar-raġel għaqli li Ġesù jitkellem dwaru fl-għeluq tad-diskors tal-Muntanja. Dan ir-raġel bena daru fuq il-blat, b'mod illi fil-maltemp ma ġġarrfitx (ara Mt 7, 24-27). Patri Klement bena fuq blata soda: fuq il-persuna ta' Ġesù Kristu fuq l-eżempju ta' Santa Tereża ta' Ġesù u San Ġwann tas-Salib. Bħal Madonna tal-Karmnu li huwa kien tant iħobb, Patri Klement għożż f'qalbu dak li Alla l-Imbierek għamel miegħu, b'mod illi ħajtu nistgħu ngħidu li kienet *Magnificat* kontinwu. B'dana kollu huwa kien bniedem bħalna lkoll bid-dgħufija li l-ħajja tagħna taf iġġib magħha. Għalhekk niftakru fih fit-talb tagħna u ntennu għalih il-kliem monumentali tal-Missier tagħna San Ġwann tas-Salib:

***Fil-għabex ta' ħajjitna se nkunu ġġudikati mill-Imħabba***

*Requiescat in pace Amen*